# Editorjal



## Il-Bidu

Ħ'Attard fl-antik kien post żgħir ħafna, raħal rurali, bi ftit familji fejn kulħadd kien jaf lil xulxin, kompost minn ħafna raħħala. Is-Seraċini ta' dak iż-żmien ftit kellhom fejn imorru biex iqattgħu siegħa flimkien. Minħabba l-ġeografija tal-post u ċ-ċokon tal-popolazzjoni, il-festa ma kinitx avvanzata daqs dawk ta' pajjiżi oħra. Armar kien hawn ftit jew xejn, Knisja armata mill-inqas f'dak li hu tiżjin tal-festa (għajr il-Vara bellezza ta' Santa Marija) u ċelebrazzjonijiet żgħar.

Artist u mastrudaxxa żagħżugħ Seraċin kien iħoss għafsa ta' qalb jara dan. Però minflok ma qagħad b'idu fuq żaqqu, medd idu għax-xogħol biex tibda tikber il-Festa bilmod, speċjalment f'dak li hu armar.

Fl-1887 laħaq Kappillan ta' Ħ'Attard qassis mill-Isla. Kif ġie Ħ'Attard u wasal żmien il-Festa, inħasad bil-qagħda tal-Knisja, u minnufih beda jħeġġeġ lin-nies tar-raħal biex jirrestawraw il-bini tal-Knisja. Mar ġab xi damask biex jintrama fil-Festa, u beda jaħseb kif għandu jibda jiżdied l-armar ta' ġewwa.

Ma nistgħux nimmaġinaw kif kienet tkun l-istorja ta' dan ir-raħal għażiż għalina kieku ma kienx hawn Mastru Karm Debono u l-Kappillan Dun Karm Azzopardi. Nazzarda ngħid illi kieku ma kienx għal dawn it-tnejn, la niċċelebraw festa, u wisq anqas m'għandna Każin.

Kien Dun Karm Azzopardi li ħeġġeġ lin-nies tar-raħal biex jiffurmaw każin biex jiltaqgħu jgħaddu ż-żmien fih, u biex ikunu jistgħu ikomplu jaħdmu ħa jkabbru l-festa. Dan seħħ fl-1894. L-ewwel President kien Mastru Karm, għażla kważi awtomatika wara li wera x'kien kapaċi jagħmel. Il-Festa kompliet tieħu r-ruħ; kemm f'dak li hu armar ta' barra (li wħud minnu għadna ngawdu sal-lum), kemm fl-armar tal-Knisja, kemm fin-nar u kemm fil-baned li bdew jinġiebu.

Il-Każin ukoll kompla jieħu r-ruħ u jikber. Il-bidu tiegħu jafu f'dar li llum m'għadiex teżisti, f'post maġenb il-Kampnar li kienu jgħidulu 'd-Domus'. Minn hemm, fl-1912 mexa għal Triq il-Kbira (f'dar li tinsab bieb ma' bieb fejn illum hemm l-entratura tal-Kunsill Lokali) peress li kien qed jikber fil-popolarità. Kompla jikber fis-soċji u membri u daħal fil-post li jinsab fih illum lura fl-1935.

Dan il-Każin ingħata l-isem ta' Casino La Stella Levantina, kif tixhed l-ewwel bandalora tas-Soċjetà li saret fuq disinn ta' Mastru Karm stess. Bil-Malti jfisser Każin Kewkba tal-Lvant. Miegħu intrabtet għal dejjem l-Istilla tas-Sitt Ponot (bħall-istilla ta' David), u li minnha ħa l-laqam bħala l-Każin tas-Sej. Kemm l-isem u kemm il-laqam ġejjin mit-Taljan, li sal-bidu tas-seklu għoxrin u sa numru ta' snin wara kien għadu popolari, anzi kien jitqies bħala l-lingwa kulturali ta' pajjiżna.

Malli bdiet riesqa l-gwerra, is-soċji bdew jaħsbuha. Malta kienet kolonja Ingliża, bil-Gvernatur joqgħod ftit passi 'l isfel mill-Każin fil-Palazz ta' Sant'Anton. Il-membri tal-Każin kollha kellhom għal qalbhom dawn il-Gvernaturi, bħalma jixhdu l-minuti li jsemmu numru ta' żjarat li saru minn xi Gvernatur lill-Każin, speċjalment fil-jiem tal-



*L-Ewwel post li fih kien jinsab il-Każin La Stella Levantina kien fil-binja ta' wara l-Kampnar.*

*L-Armar l-antik kollu mħadem minn Mastru Karmenu Debono u sħabu tal-Każin La Stella Levantina. Illum il-ġurnata għadna ngawdu wħud minn dan l-armar li għandu 'l fuq minn 90 sena.*





*Mastru Karm Debono – Fundatur tal- 'Casino La Stella Levantina'*



*Il-Kappillan Dun Karmenu Azzopardi*

Festa. Wieħed minn dawn kien il-Gvernatur Bonham Carter, li tiegħu għandna ritratt ġewwa s-Sede tagħna. Miegħu hemm ukoll ritratt ta' Lord Gort, iffirmat mill-istess Gvernatur. Dan għaliex is-Soċjetà kienet waħda minn dawk il-każini tal-pajjiż li rregalaw xabla lil dan il-Gvernatur maħbub mill-poplu Malti meta spiċċa fl-1944. B'din ir-rabta mal-Ingliżi għalhekk ma stajniex ma nistennewx bidla fl-isem. Kien hemm suġġerimenti biex l-isem isir kemm bl-Ingliż u kemm bil-Malti (li juri kemm dak iż-żmien beda jikber fil-Maltin is-sens patrijottiku). Però ma kienx vijabbli li jitniżżel l-isem darbtejn kull meta jkun irid jinkiteb. Għalhekk id-deċiżjoni kienet li jissemma 'Eastern Star Club' fl-1940. Dam hekk sal-1992.

## Pijunieri tal-Kultura fir-Raħal

Peress illi Ħ'Attard ma kienx hawn ħafna nies, u li l-maġġoranza minnhom kienu raħħala, ftit kienu dawk li kellhom iċ-ċans jiddedikaw ħin għall-mużika. Dan għamilha diffiċli biex tingħaqad banda, bħalma kien il-każ ukoll fi rħula żgħar bħal tagħna lejn iċ-ċentru u t-tramuntana ta' Malta. Però dan ma kienx jgħodd għal kulħadd. Infatti fis-snin bikrija tal-Każin ingħaqdu grupp ta' nies li kienu jdoqqu jew tagħlmu xi strumenti bħall-vjolin, vjolinċell, mandoli, kitarri u kuntrabaxx u iffurmaw orkestrina. Mid-dehra kienet popolari kemm f'Ħ'Attard u anke barra mir-raħal, għax ġieli kienu mitluba jdoqqu 'l barra minn Ħ'Attard.

Fi żmien il-bidu tal-Każin u lejn nofs is-seklu għoxrin ma kienx hawn televixin. Iċ-ċinema (jew it-*talkies*) kien rari u għadu fil-bidu. In-nies kienu jistennew jew il-festa jew xi funzjoni fil-Knisja biex jisimgħu xi biċċa mużika. Xi membri tal-Każin iddeċidew li jiffurmaw il-Kumpanija Filodrammatika La Stella Levantina fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Il-popolarità tat-teatrin f'Ħ'Attard sploda bis-saħħa t'hekk. Kienu jsiru kemm fuq il-bejt tal-Każin tal-binja preżenti, u fil-bidu nett kien fil-post magħruf bħala 'il-Forn' fi Triq San Duminku. Inkitbu ħafna drammi, li għadhom jinsabu merfugħin b'għożża fl-arkivji tas-Soċjetà, fosthom Wenzu u Rożi, Otello, Toni Bajjada, il-Bravu ta' Venezia u ħafna iktar. Ix-xjuħ li għadhom jiftakruh kollha jsemmu kemm kien ikun hemm nies fuq il-bejt tal-Każin, u kemm kienu jistennew dawn id-drammi in-nies tar-raħal. Magħhom ġieli wkoll kienet tingħaqad l-orkestrina. Sfortunatament fis-snin ta' wara l-Gwerra it-teatrin f'Ħ'Attard miet mewta naturali hekk kif bdiet tinbidel il-ħajja Maltija ftit ftit.

Imbagħad waslu s-snin sebgħin, l-epoka fejn il-Festi Esterni Maltin reġgħu bdew jieħdu spinta 'il quddiem. Lejn l-aħħar tad-deċenju fir-raħal beda jsir il-Marċ ta' Filgħodu. Fis-snin tmenin beda jsir il-Marċ tal-Ewwel Tridwu direttament mill-Kumitat. Iktar ma' reġgħet bdiet tikber il-Festa, iktar beda jinħass ċertu nuqqas. Ma kien qed ikun hemm l-ebda rabta mal-baned mistiedna li kienu jiġu fil-festa. L-ebda waħda ma kienet tas-Saraċini. It-tfal tar-raħal li xtaqu jitgħallmu jdoqqu strument kellhom imorru ġo xi raħal ieħor. B'hekk fl-1986, fil-laqgħa Ġenerali f'Novembru ġiet approvata d-deċiżżjoni li tingħaqad il-banda; il-Banda tal-Eastern Star; il-Banda ta' Ħ'Attard. L-Ewwel u l-unika banda li tagħti servizz lis-Saraċini, li tilqa' fi ħdanha t-tfal ta' dan ir-raħal. Minn dakinhar 'l hawn il-Każin ħa taħt idejh il-jiem kollha tal-Festa, u beda jorganizza l-Marċi tal-Ewwel u l-Aħħar Tridwu, u anke t-Tieni Tridwu meta ma baqax isir la mill-Parroċċa u lanqas minn xi għaqda oħra. Beda jsir il-Kunċert lejliet il-Festa, il-Marċ ta' Filgħodu u l-akkumpanjament mal-Purċissjoni. Aħna l-uniku Banda Maltija li ddoqq f'Nhar il-Festa quddiem il-Patruna tagħha. Kienet l-aħħar imbottatura li kien jonqosha l-Festa. Minn dakinhar 'l hawn stajna ngħidu li l-Każin La Stella Levantina ta kollox għall-Festa, u verament kien il-pijunier, u għadu l-pilastru tal-Festa ta' Santa Marija ta' Ħ'Attard.




*Il-Marċ tal-11 t'Awwissu (l-Ewwel Tridu) tal-1986*

*L-Ewwel Marċ ta' Filgħodu li daqqet fih il-Banda tagħna, il-Banda Eastern Star*



# Benefatturi Ewlenin ta' Ħ'Attard

Fost l-ewwel frott li beda ħiereġ mill-Każin La Stella Levantina kien l-armar tal-Festa. Nafu li Mastru Karm kien diġà beda jaħdem xi armar. Miegħu ingħaqdu xi nies bħal ħuh Ġużeppi, u Ġanni Mallia, it-tnejn soċji attivi fil-Każin dak iż-żmien. Xi wħud mill-armar għadna ngawduh sal-lum, fosthom l-Ark, li reġa nħareġ mill-Membri tal-Każin tagħna fl-2006. Għalkemm l-armar huwa propjeta' tal-Parroċċa, maż-żmien is-Soċjetà kemm-il darba ħadet sehem dirett fl-armar tal-Festa, fosthom mill-2003 sal-2011 meta ma kienx hemm grupp uffiċjali tal-armar tal-Parroċċa, u riċentament fis-sena 2018 u din is-sena, fejn membri tal-Każin volontarjament offrew li jieħdu ħsieb li jintrama l-armar fil-festa fin-nuqqas ta' kumitat tal-armar tal-Parroċċa. Din hija repetizzjoni tal-istorja. Anke fis-snin tmenin, saħansitra ssewwa xi armar tal-Parroċċa fil-Każin stess. Fl-1993 is-Soċjetà tagħna kienet strumentali sabiex kien iffurmat kumitat tal-armar tal-Parroċċa b'mod uffiċjali, fejn il-membri ta' dan il-grupp kienu wkoll memebri tal-Każin tagħna dak iż-żmien. Fl-1951 meta saru l-istatwi l-ġodda ta' Malta u l-Papa, dawn sarilhom pedestall minn Carmelo Pisani, li fl-1936 serva wkoll bħala President tas-Soċjetà tagħna.

L-ikbar rigal li l-kumitat ta' żmien Mastru Karm ta lill-Parroċċa nistgħu ngħidu bla dubju ta' xejn li kien il-pedestall ta' Santa Marija li għadna ngawduh illum. Dan kien iddisinjat minn Mastru Karm innifsu u maħdum mis-Sinjuri Lonzu Mizzi (Kaxxier), Ġanni Mallia (Segretarju) u Antonio Pisani (Membru). Jassistihom kien hemm Dun Salv Grixti – id-Direttur Spiritwali. Dan seħħ fl-1925, meta sar il-bankun ukoll fuq l-istess inizjattiva, li iżda nħadem minn Manwel Buhagiar minn Ħal Tarxien.

Il-Każin matul iż-żmien tiegħu dejjem serva bħala kenn għaż-żgħażagħ, tfal u adoloxxenti. Min jaf kemm żgħażagħ Seraċini qattgħu żmien bejn dawn il-ħitan. Min jaf kemm tfalijiet kienu jiġu ma' missierhom il-każin. Min jaf kemm adoloxxenti tgħallmu strumenti mal-orkestra, teatrin jew mal-banda. Min jaf kemm ħadmu armar f'isem il-Każin tagħna. Min jaf kemm kien hawn min kien jiġi l-bottegin jilgħab xi ftit billiard, kaxxi tal-logħob, table soccer jew table tennis bil-ftit flus li kienet ittihom ommhom.

L-ikbar sehem li jagħti dan il-Każin lil Ħ'Attard huwa bla dubju ta' xejn il-Festa. Sa mill-bidu l-iskop ta' din is-Soċjetà kien li jkabbar il-Festa ta' Santa Marija. Rajna kemm dan seħħ matul is-snin, u kemm kiber iktar u iktar mal-ftuħ tal-Banda. Illum nistgħu ngħidu li mn'Alla jkun dan il-Każin biex issir il-Festa, għax il-bqija m'hawn ħadd li jista' jerfa' dan il-piż. Bil-baned, is-Soċjetà llum tieħu sehem sitt darbiet fil-ħamest ijiem tal-Festa. Impenjati wkoll bin-nar, kemm tal-ajru u kemm tal-art. Impenjati wkoll bl-armar ta' barra tas-Soċjetà. U kif diġà qrajtu, impenjati wkoll bl-armar tal-Parroċċa.

Dan għandu jagħmilna kburin għax is-Soċjetà dejjem baqat leali lejn l-iskop ewlieni li għalih ingħaqdet fl-1894, li tkun post ta' kenn għan-nies ta' Ħ'Attard u biex tgħin u tkabbar il-Festa. Jalla dak li ħadmu għalih ta' qabilna jkompli jitgawda mill-ġenerazzjonijeit li ġejjin taħt il-Ħarsa ta' Ommna Marija.

AD MULTOS ANNOS
SOĊJETÀ MUŻIKALI LA STELLA LEVANTINA A.D.1894
BANDA SANTA MARIJA – Ħ'ATTARD




*Il-Każin dejjem serva ta' kenn għaż-żgħażagħ Seraċini. Ritratt li juri numru ta' aljievi mas-Surmast Abel J. Mizzi lejn l-aħħar tas-snin 90*



*L-għan tas-Soċjetà La Stella Levantina hu li jkabbar il-Festa ta' Santa Marija. Ritratt li juri l-Banda Santa Marija takkumpanja lill-Patruna waqt il-Purċissjoni*